**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Anthony Fenech**
**Rodney Joe Farrugia**

Numru: 47/2013

Illum 19 ta' Lulju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Anthony Fenech,** ta' hamsa u tletin (35) sena, iben George u Josephine nee' Xuereb, imwieled Rabat, Ghawdex nhar is-26 ta' Settembru 1977 u residenti fil-fond 'Together', Triq il-Gleneagles, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-identita' bin-numru 28377G u **Rodney Joe Farrugia,** ta' tlieta u ghoxrin (23) sena, iben Consiglio u Loreta nee' Xerri, imwieled Rabat, Ghawdex nhar it-18 ta' Settembru 1989 u residenti fil-fond numru 42, Triq Simirat, Ghajnsielem, Ghawdex u detentur tal-identita' bin-numru 37689G, akkuzati talli nhar l-10 ta' April 2013, ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija (17.00hrs), minn gewwa

appartament numru 594, fil-lukanda Kempinski gewwa San Lawrenz, Ghawdex u f'positijiet ohra gewwa San Lawrenz Ghawdex;

1. Ikkomettew serq ta' zewg arloggi, brazuletta, portmoni, u flus kontanti fost affarijiet ohra li b'kollox jammontaw ghal total ta' madwar hamsa u ghoxrin elf ewro (€25,000) liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-persuna, bil-mezz, u bil-lok ghad-detriment ta' Leif Bertil Ahlstroem, Ann-Marie Ingrid Spaak u/jew persuni ohra;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahhlu biex ibieghhuhom jew imexxuhom;

U lil **Rodney Joe Farrugia** wahdu:

3. Talli ghamel reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza liema sentenza giet moghtija lilu nhar is-7 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Magistati (Ghawdex);

4. U aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez inkorsi bil-hatra ta' esperti u/jew periti fl-Inkjesta Magisterjali li nzammet dwar ir-reati mertu tal-akkuzi odjerni, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 370) datata 18 ta' Novembru 2014 li permezz taghha baghat lill-imputati Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia biex jigu ggudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

**Fil-konfront ta' Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia:**

* fl-Artikoli 261(b), (c), (d) u (e), 263(a), 267, 268(c), 269(g), 278, 279(b), 280 u 281tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
* fl-Artikolu 334 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
* Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Fil-konfront ta' Rodney Joe Farrugia wahdu:**

* Fl-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
* Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tat-8 ta' Ottubru 2015 (*a fol.* 412 u 413), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Novembru 2014, u f'liema seduta l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet datat 30 ta' Gunju 2015 moghti mis-Sinjurija Tieghu l-Prim'Imhallef.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Marzu 2016 il-Qorti tat cans lill-Prosekuzzjoni, *parte civile* u d-difiza sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat illi l-Prosekuzzjoni u l-*parte civile* pprezentaw s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub fid-29 ta' April 2016;

Rat illi l-imputat Rodney Joe Farrugia pprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub fil-31 ta' Mejju 2016;

Rat illi l-imputat Anthony Fenech pprezenta s-sottomissjonijiet tieghu bil-miktub fit-13 ta' Lulju 2016;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**PRELIMINARI**

**<u>Livell ta' prova</u>**

Huwa principju baziku prattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li sabiex l-akkuzati jigu misjuba hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom dawn ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raguni.

F'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Dicembru 1997** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Peter Ebejer**, fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis c-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker** (Qorti tal-Appell Kriminali - deciza fid-19 ta' Mejju, 1997) gie ritenut illi:

> *"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara** fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe' jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provediment iehor.

**<u>Apprezzament tal-provi fl-assjem</u>**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li sejra taghmel din il-Qorti, u cioe' li tezamina bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

**Din il-Qorti mhijiex f'pozizzjoni vantaggjuza bhall-Qrati ohra meta tigi biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexitx il-process kollu tul medda ta' zmien u ghalhekk ma semghetx ix-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk mhix f'pozizzjoni li tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kinitx hi stess li kkonstatat x'interess seta' kellu xi xhud fid-data li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le.**

**<u>Provi ċirkostanzjali</u>**

Illi fil-kawża fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad et</u>** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-19 ta' Mejju 2014 ingħad is-segwenti:

> "Huwa minnu wkoll kif rapportat aktar 'il fuq li fl-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9 ix-xhieda ta' xhud wiehed biss, jekk emnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Ghalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fic-cirkostanzi u dan a bazi tal-possibilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti ghandha tqis provi cirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegat reat. Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-Gudikant jaccerta ruhu li huma univoci.
>
> Fil-fatt il-Qorti hawnhekk taghmel riferenza ghall-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax (15) ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Jason Lee Borg et.</u>**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioé mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-

prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Illi ghalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkwe prova possibilment cirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawza flismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo Busuttil**: *"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi ndizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi ndizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

> *"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi din hija eżattament il-pozizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali

nhar id-disgħa (9) ta' Jannar 1998 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**.

Il-Qorti tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħall-katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni.

**Il-prova ta' *fingerprints***

Illi fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Jason Lee Borg et.** deciza fil-15 ta' Gunju 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Provi jew indizzji cirkostanzali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u li jwasslu, mehuda lkoll flimkien, ghall-konkluzjoni li kien l-akkuzat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss, li kien il-hati u li l-provi li tressqu kienu inkompatibbli mal-prezunzjoni tal-innocenza tieghu. Il-prova ta' fingerprints qieghda hemmhekk biex f'xi kazijiet issahhah provi ohra tal-Prosekuzzjoni u f'kazijiet fejn dik tkun l-unika prova".*

Illi fid-decizjoni moghtija fis-27 ta' Mejju 1999 mill-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Victor Gatt**, il-Qorti sostniet li l-kaz tal-Prosekuzzjoni jistrieh fuq il-fatt li nstabu l-impronti digitali tal-imputat fuq flixkun tal-*whisky* misjub fil-fond fejn sehhet dik is-serqa. Illi fih innifsu ghalkemm dan hu indizzju, huwa biss prova li l-imputat mess dak il-flixkun tal-whisky u xejn aktar.

Illi fis-sentenza moghtija fit-30 ta' Gunju 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizja vs. Emanuel Camilleri** gie deciz li:

> *"f'dak il-kaz il-prova tal-fingerprints kien jehtigilha korroborazzjoni minn provi cirkostanzjali ohra. Pero' hemm kazijiet fejn il-prova tal-fingerprints wahedha tkun bizzejjed biex il-Qorti tkun moralment konvinta mill-htija tal-akkuza".*

Fil-fatt fl-Ingilterra fil-kaz **R v. Castletan** (3 Cr App R - 74, CCA (vide Archbold 1997 para 14-97 ) gie deciz li:

*"Identification of fingerprints by a person expert in such prints may be sufficient even where it is the only evidence of identification".*

Imbaghad, fil-kawza Il-**Pulizija vs. Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Dicembru 2004, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence"" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities". Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta nstabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat".*

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

*"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustjathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien mal-oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel Qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skont l-ewwel imputazzjoni".*

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. Alfred Bugeja**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012. Il-Qorti qalet hekk:

> *"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir tal-id ix-xellugija tal-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin tal-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (a fol. 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (sliding) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.*
>
> *[...]*
>
> *Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata tal-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".*

L-espert imqabbad mill-Qorti Joseph Mallia biex jaghmel it-testijiet tal-*fingerprints* misjuba irrizultaw fin-negattiv.

**<u>L-istqarrija ta' ko-okkuzat</u>**

Id-difiza taz-zewg imputati qeghdin isostnu li l-istqarrijiet tal-imputati ma humiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża: forsi *'ex abundantia cautela'* għaliex dak li jipprovdi l-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat

ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.

Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali. Din ir-regola hija desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, iż-żewġ ko-akkuzati għadhom għaddejin proċeduri fl-istess kawża. Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk ix-xhieda tal-imputati mhix ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.

Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom **Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri**,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija vs Toni Pisani** Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella**, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police vs Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara**, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u **r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et** Appell Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.

Il-Qorti taghmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Brian Vella**[1].

---

[1] 4/2004

Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali:

*"persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-**Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius** tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:

*"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

Id-difiza qieghda tistieden lill-Qorti tiskarta l-istqarrijiet li taw l-imputati ghaliex isostnu li dawn huma inammissibli, u għalhekk ma ghandhomx jittieħdu inkonsiderazzjoni.

Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li *"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."*

**Ammissibilta' ta' dikjarazzjoni fil-konfront ta' ko-akkuzat**

Il-legislatur fil-Kapitoli 101 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kawzi dwar id-drogi holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 31 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi:

*"Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi kkonfermata bil-ġurament quddiem Maġistrat u kull xhieda li dik il-persuna tagħti quddiem Qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xhieda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."*

Premess dan allura "… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-Qorti ghall-fini ta' kontroll daparti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu: *does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings*[2]"

Illi allura din id-dispozizzjoni tal-ligi holqot eccezzjoni biss ghar-regola stabbilita fl-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali li jiddisponi illi l-konfessjoni ta' persuna ghandha tiswa ghalih biss u ma tistax tintuza la favur u lanqas kontra l-ko-akkuzat. Il-ligi ma tohloq l-ebda eccezzjoni ohra u allura ghas-salvagwardji li jipprovdi l-Artikolu 639(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe: "***Meta l-unika xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema'***

[2] Il-**Pulizija vs Pierre Gravina** – deciza 26/05/2003

***quddiem il-gurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttivi lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat."***

Il-Qorti Kriminali meta kienet qieghda tiddeciedi l-eccezzjonijiet ghall-Att tal-Akkuza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Charles Paul Muscat**[3] fis-6 ta' Lulju, 2016 qalet:

> [Issa allura dan ifisser illi ai termini tal-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo ghandhom jitqiesu illi huma '*a competent witness*' fil-konfront tal-akkuzat ghalkemm fiz-zmien meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom kienu ghadhom jitqiesu bhala ko-akkuzati billi l-proceduri kriminali fil-konfront taghhom dwar l-istess fatti addebitati lill-akkuzat odjern kienu ghadhom ma gewx konkluzi. Li hu cert huwa illi sakemm il-kaz taghhom jigi deciz dawn iz-zewg xhieda ma humiex '*a compellable witness*' u cioe' ma jistghux jigu imgieghla jaghtu id-depozizzjoni taghhom billi ghandhom id-dritt sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem illi ma jwiegbu ghall-ebda mistoqsija li tista' b'xi mod tinkriminahom. Fil-fatt meta huma offrew id-depozizzjoni taghhom matul il-kumpilazzjoni ghazlu li juzufruwixxu minn dan il-jedd u ma xehdux. Issa id-difiza targumenta illi gialadarba l-akkuzat ma nghatax il-jedd li jikkontrolla dak mistqarr minn dawn it-tnejn min-nies fl-istqarrija guramentata taghhom li tinsab esebita in atti, din il-prova f'dan l-istadju hija inammissibbli u ghandha tigi skartata u dan fid-dawl ta' dak deciz superjorment fid-decizjoni ta' 'Gravina' *supra* citata. Dan ghaliex l-artikolu 30A ma huwiex eccezzjoni ghal dak dispost fl-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali fejn hemm espressament stipulat illi **"ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-Qorti u viva voce."**
>
> Illi l-akkuzat kien ikollu ragun fl-argument minnu imressqa li kieku dawn iz-zewg xhieda ghazlu li ma

[3] Att. Ta'Akkuza Nru. 17/2015 decizjoni tal-Imhallef Edwina Grima

jixhdux matul is-smigh tal-guri. Illi allura il-Qorti u cioe' l-Imhallef togat ikun irid necessarjament jaghti direzzjoni lill-imhallfin tal-fatti u cioe; lill-gurati meta jigu biex jiznu din il-prova mressqa mill-Prosekuzzjoni. Izda dan jista' isir biss fl-istadju meta allura ikun qed jinstema' il-process penali fil-konfront tal-akkuzat. Illi ghalhekk ghalkemm gustament l-akkuzat talab id-direzzjoni tal-Qorti f'din l-ewwel eccezzjoni sollevata minnu ghar-rigward tal-validita' probatorja tal-istqarrijiet guramentati li jinsabu fl-atti bhala prova li giet kumpilata fl-istadju li jipprecedi l-guri mill-Qorti Istruttorja, madanakollu huwa prematur ghall-Qorti li tiddikjara tali prova bhala wahda inammissibbli meta z-zewg xhieda Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo it-tnejn indikati bhala xhieda tal-Prosekuzzjoni ghad iridu joffru id-depozizzjoni taghhom fil-guri. Izda jekk f'dak l-istadju huma jiddikjaraw li ser jaghzlu li ma jixhdux biex ma jinkrimnawx irwiehom fil-process penali li jkun ghadu pendenti fil-konfront taghhom, imbaghad f'dak l-istadju il-gurati ghandhom jigu ggwidati meta jigu biex jiznu il-valur probatorju tal-istqarrijiet guramentati u dan ghaliex "**The right to a fair administration of justice holds so prominent a place in a democratic society that it cannot be sacrificed to expediency."**

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz *Luca v Italy* [(2003) 36 EHRR 46] , inghad mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem:-

**"As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that**

**where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6."**

Dan ifisser allura illi hemm erba' kriterji li jridu jigu ikkunsidrati:

1. Illi x-xhieda bhala regola trid tinghata *viva voce* fil-Qorti fejn l-akkuzat ikollu kull opportunita' li jikkontrolla dak li jghid ix-xhud.
2. Il-fatt illi x-xhieda ma jixhdux madanakollu ma ghandux iwassal ghall-inammissibilita tal-istqarrija minnhom rilaxxata fl-istadju tal-investigazzjonijiet jew fil-*pre-trial stage* u dan ghaliex irid jittiehed in konsiderazzjoni l-fatturi kollha tal-kaz, bhal perezempju fil-kaz meta xhud ma jistax jingieb jixhed ghax ikun miet.
3. L-affidabbilita ta' dik l-istqarrija u tax-xhud li jkun irrilaxxjaha.
4. Finalment jekk dik ix-xhieda guramentata wahedha hijiex l-unika prova inkriminati u deciziva fil-konfront tal-persuna akkuzata.

Illi fil-kawza *Saidi v France* (1993 - 17 EHRR 251) inghad :-

> "*The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. However,* ***the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and***

***judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected.."*** (sottolinjar tal-Qorti)

Dan ifisser allura illi tali prova ma tista' qatt titqies li hija inammissibbli semplicement ghaliex ix-xhieda li jkunu offrew dik l-istqarrija fl-istadju tal-investigazzjonijiet ma jkunux xehdu quddiem il-Qorti *viva voce* ghaliex din wahedha ma tistax twassal ghall- inammissibilita ta' prova li l-ligi tqis bhala wahda legalment valida. Madanakollu min hu msejjah biex jiggudika irid jimxi b'kawtela kbira sabiex jigi zgurat illi d-dritt sagrosant sancit mill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni ghal smigh xieraq f'kull process penali ma jigix mittiefes.

Ghaldaqstant, ghalkemm din l-ewwel eccezzjoni qieghda f'dan l-istadju tigi michuda, madanakollu l-Qorti qed tirriserva li tipprovdi dwar l-istess billi taghti d-direzzjoni opportuna lill-gurati fl-istadju tal-guri in konnessjoni mal-ammissibilita o meno tal-prova konsistenti fix-xhieda guramentata ta' Marlon Apap u Brian Godfrey Bartolo li jinsabu esebiti in atti, fl-eventwalita' illi l-imsemmija zewg xhieda ma joffrux id-depozizzjoni taghhom *viva voce*.]

**L-ahhar zvilupp mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem:**

Din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ricenti tal-Qorti Kriminali Ir-**Repubblika ta' Malta vs Ramon Fenech** deciza mill-Imhallef Edwina Grima[4] fejn spjegat xi tghid id-decizjoni ricenti[5] moghtija mill-Qorti Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fejn jidhlu l-istqarrijiet tal-imputati:

**["Early access to a lawyer is one of the procedural safeguards to which the Court will have particular regard when examining whether a procedure has extinguished the very essence of the privilege against self-incrimination. These principles are particularly called for**

[4] Qorti Kriminali Att ta' Akkuza Nru: 17/2014,

[5] **Mario Borg vs Malta** 37537/13 12/01/2016

**in the case of serious charges, for it is in the face of the heaviest penalties that respect for the right to a fair trial is to be ensured to the highest possible degree by democratic societies.**

**The Court reiterates that in order for the right to a fair trial to remain sufficiently "practical and effective" Article 6 § 1 requires that, as a rule, access to a lawyer should be provided as from the first interrogation of a suspect by the police, unless it is demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there are compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons may exceptionally justify denial of access to a lawyer, such restriction – whatever its justification – must not unduly prejudice the rights of the accused under Article 6. The rights of the defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police interrogation without access to a lawyer are used for a conviction. Denying the applicant access to a lawyer because this was provided for on a systematic basis by the relevant legal provisions already falls short of the requirements of Article 6."**

Il-Qorti ddecidiet illi l-fatt wahdu illi l-ligi domestika ma kinitx tipprevedi d-dritt ghall-assistenza legali meta l-persuna suspettata kienet tinsab fil-kustodja tal-Pulizija hija bizzejjed sabiex ikun hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6:

**"60. The Court notes that it has found a number of violations of the provisions at issue, in different jurisdictions, arising from the fact that an applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see, for example, *Salduz*, cited above, § 56; *Navone and Others v. Monaco*, 24 October 2013; *Brusco v. France*, October 2010; and *Stojkovic v. France and Belgium*, 27 October 2011). A systemic restriction of this kind, based on the relevant statutory provisions, was sufficient in itself for the Court to find a violation of Article 6 (see, for example, *Dayanan v. Turkey*, no. 7377/03 §§ 31-33, 13 October 2009; *Yeşilkaya***

***v. Turkey*, no. 59780/00, 8 December 2009; and *Fazli Kaya v. Turkey*, no. 24820/05, 17 September 2013).**

**61. In respect of the present case, the Court observes that no reliance can be placed on the assertion that the applicant had been reminded of his right to remain silent (see *Salduz*, cited above, § 59); indeed, it is not disputed that the applicant did not waive the right to be assisted by a lawyer at that stage of the proceedings, a right which was not available in domestic law. In this connection, the Court notes that the Government have not contested that there existed a general ban in the domestic system on all accused persons seeking the assistance of a lawyer at the pre-trial stage (in the Maltese context, the stage before arraignment).**

**62. It follows that, also in the present case, the applicant was denied the right to legal assistance at the pre-trial stage as a result of a systemic restriction applicable to all accused persons. This already falls short of the requirements of Article 6 namely that the right to assistance of a lawyer at the initial stages of police interrogation may only be subject to restrictions if there are compelling reasons (see *Salduz*, cited above, §§ 52, 55 and 56).**

**63. There has accordingly been a violation of Article 6 § 3 (c) taken in conjunction with Article 6 § 1 of the Convention**."

Illi gie deciz illi l-Qrati ma kellhomx jaghtu interpretazzjoni stretta tad-decizjoni **Salduz vs Turkey** kif sehh fil-kaz ta' **Charles Steven Muscat** fost ohrajn. L-Imhallef Pinto De Albuquerque[6] jghid hekk fl-opinjoni tieghu:

**"the interpretation of *Salduz* by the Constitutional Court of Malta is in breach of the "constitutional instrument of European public order" and its "peremptory character".**

[6] Ara partly concurring and partly dissenting opinion of Judge Pinto De Albuquerque fid-decizjoni Mario Borg vs Malta

**…. Be that as it may, in the light of the repetitive findings of violations of Article 6 § 3 (c) of the Convention by this Court, the Maltese Constitutional Court should correct its trajectory and return to its initial Convention-friendly interpretation of *Salduz*."**

Imbaghad fil-kawza Aleksandr Vladimirovich Smirnov vs Ukraine (13.06.2014) gie deciz: –

**"The Court reiterates the principles developed in its case-law, according to which the right of everyone charged with a criminal offence to be effectively defended by a lawyer, assigned officially if need be, although not absolute, is one of the fundamental features of the notion of a fair trial. As a rule, access to a lawyer should be provided from the first time a suspect is questioned by the police, unless it can be demonstrated in the light of the particular circumstances of each case that there were compelling reasons to restrict this right (see *Salduz v. Turkey* [GC], no. 36391/02, § 55, 27 November 2008). The right to mount a defence will in principle be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during police questioning without access to a lawyer are used for a conviction (ibid.). While a defendant in criminal proceedings may, under various circumstances, waive his right to legal representation, such a waiver may not run counter to any important public interest, must be unequivocally established, and must be attended by minimum safeguards commensurate with the waiver's importance."**

Maghdud dan allura jidher illi r-regola hi li l-Artikolu 6(1) abbinat mal-artikolu 6(3)(c) jitlob li jkun hemm dritt ta' Avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-Pulizija, sakemm ma jigix ippruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Illi allura meta l-ligi domestika teskludi dan il-jedd u dan b'mod sistematiku billi ma jkunx hemm dispozizzjoni *ad hoc* li taghti dan il-jedd lill-persuna arrestata, ikun hemm il-periklu li isehh lezjoni tad-dritt tal-persuna akkuzata ghal smigh xieraq

anke f'dawk il-kazijiet estremi fejn ma jkun hemm l-ebda dikjarazzjoni inkriminanti f'dawn l-istqarrijiet.

Illi fil-kaz deciz quddiem il-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Navone vs Monaco**, instab li kien hemm lezjoni billi l-akkuzat ma kellux jedd ghall-assistenza tal-avukat matul l-interrogazzjoni similment billi l-ligi tal-pajjiz ma kinitx tippermettiha. (ara ukoll **Yesilkaya vs Turkey** – 59780/00 08/12/2009, **Fazli Kaya vs Turkey** – 24820/05 17/09/2015).

Dan il-jedd gie anke estiz fil-kaz fejn l-akkuzat kien gie moghti l-jeddijiet kollha vigenti skont il-ligi ta' pajjizu inkluz allura il-jedd tieghu ghas-silenzju u fil-fatt huwa kien ezercita' dan il-jedd u ma wiegeb ghall-ebda mistoqsija lilu maghmula. Il-Qorti xorta wahda sabet li kien hemm vjolazzjoni tal-artikolu 6(3)[7] u dan ghaliex ma kienx ikkonsulta ma' Avukat biex ifissirlu il-jeddijiet tieghu skont il-ligi dwar id-dritt tieghu ghas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu b'dan ghalhekk illi l-Qorti implikat illi t-twissija moghtija mill-ufficjali investigattiv mhijiex bizzejjed.

> **"31. The Court is of the view that the fairness of criminal proceedings under Article 6 of the Convention requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal assistance from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention.**
>
> **32. In accordance with the generally recognised international norms, which the Court accepts and which form the framework for its case-law, an accused person is entitled, as soon as he or she is taken into custody, to be assisted by a lawyer, and not only while being questioned (for the relevant international legal materials see *Salduz*, cited above, §§ 37-44). Indeed, the fairness of proceedings requires that an accused be able to obtain the whole range of services specifically associated with legal assistance. In this regard, counsel has to be able to secure without restriction the fundamental aspects of that person's defence: discussion of the case, organisation of the defence, collection of evidence favourable to the**

[7] **Dayanan vs Turkey** – 7377/03 deciza 13/10/2009 15

**accused, preparation for questioning, support of an accused in distress and checking of the conditions of detention.**

**33. In the present case it is not disputed that the applicant did not have legal assistance while in police custody because it was not possible under the law then in force (see *Salduz*, cited above, §§ 27 and 28). A systematic restriction of this kind, on the basis of the relevant statutory provisions, is sufficient in itself for a violation of Article 6 to be found, <u>notwithstanding the fact that the applicant remained silent when questioned in police custody</u>."** (sottolinjar tal-Qorti)

Fil-fatt fid-decizjoni Brusco vs Franza[8] gie deciz:

**"La Cour constate également qu'il ne ressort ni du dossier ni des procès-verbaux des dépositions que le requérant ait été informé au début de son interrogatoire du droit de se taire, de ne pas répondre aux questions posées, ou encore de ne répondre qu'aux questions qu'il souhaitait. Elle relève en outre que le requérant n'a pu être assisté d'un avocat que vingt heures après le début de la garde à vue, délai prévu à l'article 63-4 du code de procédure pénale (paragraphe 28 ci-dessus). L'avocat n'a donc été en mesure ni de l'informer sur son droit à garder le silence et de ne pas s'auto-incriminer avant son premier interrogatoire ni de l'assister lors de cette déposition et lors de celles qui suivirent, comme l'exige l'article 6 de la Convention."**

Illi allura hija fis-setgha ta' din il-Qorti u dan qabel ma jigi determinat il-process gudizzjarju fil-konfront tal-persuna akkuzata illi twarrab dik l-evidenza illi tmur kontra il-garanziji

[8] 1466/07 – 14/10/2010 The Court also notes that it does not follow either the file or the minutes of evidence that the applicant had been informed at the beginning of his examination of the right to remain silent, not to respond to questions, or to not answer the questions he wanted. It further notes that the applicant had been assisted by a lawyer twenty hours after the start of the custody period provided for in Article 63-4 of the Code of Criminal Procedure (see paragraph 28 above) . The lawyer was therefore unable either to provide information on his right to remain silent and not to incriminate before his first interrogation or assist during the deposition and during those which followed, as required by Article 6 of the Convention

moghtija kemm fil-Kostituzzjoni kif ukoll il-Konvenzjoni ghall-harsien tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq. Fil-fatt dan il-jedd gie indikat fid-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz **Dimech vs Malta**[9] fejn f'dak il-kaz ghalkemm il-Qorti ma setghetx tasal biex tistabbilixxi jekk kienx sehh lezjoni tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni billi l-proceduri penali kienu ghadhom ma ntemmux, madanakollu sahhqet:

> **"…. it cannot be entirely excluded that the courts of criminal jurisdiction, before which the case is heard, hear the case in the same circumstances that would have existed had the right to legal-assistance during pre-trial stage not been disregarded, namely by expunging from the records the relevant statements. The Court notes that, if, because of the limitations of the applicable criminal procedural law, it is not possible given the stage reached in the pending proceedings, to expunge from the records the relevant statements (whether at the request of the applicant or by the courts of criminal jurisdiction of their own motion), it cannot be excluded that the legislature take action to ensure that a procedure is made available at the earliest opportunity for this purpose."**

Illi wahda mill-provi li jinsabu fl-atti kumpilatorji hija stqarrija rilaxxjata mill-akkuzata fit-02 ta' Awwissu 2005 meta allura l-ligi kienet b'mod skematiku tivvjeta l-assistenza legali qabel l-interrogazzjoni.

Illi minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta illi l-akkuzat ghamel dikjarazzjonijiet inkriminatorji minghajr ma kiseb preventivament il-parir legali u dan ghaliex kif inghad dan il-jedd ma kienx jezisti fil-ligi vigenti f'dak iz-zmien. Il-Qorti allura ma tistax hlief tordna illi dina l-istqarrija tigi mwarrba bhala prova u ma tingiebx a konjizzjoni tal-gurati u dan meta l-kaz tal-akkuzat jibda jinstema' minn din il-Qorti bil-gurija.]

[9] 02/07/2015 – 34373/13

**Xhieda**

Waqt dawn il-proceduri xehdu tnejn u ghoxrin (22) xhud:

*PS664 Jason Xerri (a* fol. *46 et seq.), Leif Bertie Ahlstrom (a* fol. *54 et seq.), PS676 Edelon Spiteri (a* fol. *68 et seq.), Spettur Frank Anthony Tabone (a* fol. *116 et seq.), Leif Bertie Ahlstrom (a* fol. *170 et seq.), Ann-Marie Ingrid Spaak (a* fol. *174 et seq.), Emanuel Cini (a* fol. *192 et seq.), PS1040 John Grima (a* fol. *210), Ex-PC461 George Sultana (a* fol. *214), PC534 Joseph Cini (a* fol. *215), John Grima (a* fol. *216 et seq.), Dr. Joseph Grech (a* fol. *219), PS342 Johan Said (a* fol. *299), PC774 Anthony Calleja (a* fol. *300), PS664 Jason Xerri (a* fol. *306), PC382 Josef Cardona (a* fol. *309), PC570 Savio Vassallo (a* fol. *315 et seq.), Dorothy Baldacchino (a* fol. *317 et seq.), PS404 Paul Camilleri u PC910 Sean Pace, Joe Mallia (a* fol. *378), Joe Mallia (a* fol. *387 et seq.), Joseph Mizzi (a* fol. *424 et seq.).*

Il-Qorti se tara jekk il-*fattispecie* tal-kaz jammontawx ghar-reati addebitati lill-imputati.

**Il-fatti *specie* tal-kaz**

Il-kwerelanti Leif Bertil Ahlstroem u Anne-Marie Ingrid Spaad huma proprjetarji ta' appartament illi jifforma parti mill-kumpless Kempinski f'San Lawrenz, Ghawdex.

L-imputat Anthony Fenech ghamel zmien jahdem fl-istess kumpless u kien inkarigat mill-*maintenance* / bhala *handyman* fl-istess fejn il-kwerelanti saru jafuh.

Il-kwerelanti kienu jafdaw lill-imputat Fenech fejn dawn kienu jafdawh bic-cwievet tal-proprjeta' taghhom f'Fort Chambray".

Fl-10 ta' April 2013 il-kwerelanti kienu talbu lill-imputat Anthony Fenech sabiex huwa jiltaqa' maghhom fil-proprjeta taghhom f''"Fort Chambray". **Leif Bertil Ahlstroem** xehed li hu, martu u Fenech biss kienu jafu illi huma ma kinux ser ikun fl-appartament taghhom fil-Kempinski dak il-hin, kif ukoll illi aktar tard dakinhar stess huma kienu ser jibqghu f'"Fort Chambray" billi kienu gew mistiedna ghal festin ghand xi hbieb hemm.

Jidher li dakinhar Leif Bertil Ahlstroem u Ann-Marie Ingrid Spaak insterqulhom oggetti mill-appartament taghhom fil-Kempinski. L-oggetti misruqa kienu jikkonsistu fis-segwenti: (a) Arlogg tad-deheb tal-marka "Rolex"; (b) Arlogg iehor tal-marka "Chanel"; (c) L-ekwivalenti ta' cirka €440 fi flus Svedizi; (d) mawdar €1,400 fi flus kontanti; (e) brazzuletta tad-ditta "Hermes"; u (f) portmoni.

**Il-Qorti minnufih issemmi l-fatt li f'dawn il-proceduri, d-derubati f'dan il-kaz ma pprezentaw l-ebda prova dwar il-valur tal-oggetti misruqa hlief stimi li taw huma stess. Il-Prosekuzzjoni naqset milli ggib prova tal-valur tal-oggetti misruqa. Ma kien hemm l-ebda talba da parti tal-Prosekuzzjoni sabiex jinhatar espert tekniku biex jaghmel valutazzjoni tal-oggetti misqrua. L-istess derubati lanqas ipprezentaw xi talba lill-Qorti biex l-oggetti rkuprati mis-serqa u cioe' l-arlogg u brazzuletta u li kienu esebiti f'dawn l-atti johduhom lura.**

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

Illi l-imputati jinsabu akkuzati b'zewg imputazzjonijiet: taht l-ewwel (1) imputazzjoni, l-imputati qed jigu akkuzati bir-reat ta' serq b'diversi kwalifiki bil-valur, bil-persuna, bil-mezz, u bil-lok u taht it-tieni (2) imputazzjoni qed jigu akkuzati bir-reat ta' ricettazzjoni.

**<u>L-Ewwel (1) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 261(b),(c),(d) u (e), 263(a), 267, 268(c), 269(g), 278, 279(b), 280 u 281tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

**Definizzjoni ta' serq**

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Borg Inguanez** moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Awwissu 1998 fejn inghad is-segwenti:

> "L-Ewwel Qorti korrettement irriteniet li d-definizzjoni ta' serq komunement abbraccjata fil-gurisprudenza taghna hi dik tal-Carrara u cioé:

*"La contrettazione [...] dolosa della cosa altrui, fatta "invite dominio", con animo di farne lucro".*

(ara **Il-Pulizija vs. Carmelo Felice**, 10/1/42, **Il-Pulizija vs. Pawlu Scicluna et**, 9/12/44, it-tnejn Appelli Kriminali). Izda din id-definizzjoni hi wkoll suggetta ghall-interpretazzjoni dottrinali u gurisprudenzjali. Kif jispjega l-Manzini b'referenza ghad-definizzjoni ta' serq moghtija fl-Artikolu 624 tal-*Codice Rocco*:

*"Obiettivament, possono essere "altrui" soltanto quelle cose che costituiscono attualmente oggetto di proprietà o di altro diritto reale. Soggettivamente, e nel senso della nozione del furto, è "altrui" la cosa che è in proprietà e in possesso di una persona diversa da quella che se ne impossessa, e parimenti la cosa che, pur essendo in proprietà di chi sottraendola se ne impossessa, si trova, di diritto o di fatto, nel potere d'altri che abbia facoltà di usarne o di disporne altrimenti. In questo senso una cosa può essere contemporaneamente propria ed altrui"* (Manzini, V., Trattato di Diritto Penale Italiano (Nuvolone, P. e Pisapia G.D., ed.), UTET, 1984, Vol. IX, para. 3229)".

**Serq ikkwalifikat bil-valur**

Dwar l-aggravju tal-valur il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Is-serq huwa kkwalifikat bil-"valur", meta l-ħaġa misruqa tkun tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94)".*

Illi fil-kaz taht ezami l-Prosekuzzjoni strahet fuq l-istima dwar il-valur tal-arloggi, gojjellerija, stima li pprezentaw il-kwerelanti.

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-valur fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati jekk tinstab htija jirrizulta ghaliex l-oggetti misruqa jiswew aktar minn "*mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin ċenteżmu (232.94)*".

**<u>Serq ikkwalifikat bil-mezz</u>**

Dwar l-aggravju tal-mezz il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 263 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

> *Is-serq huwa kkwalifikat bil-"mezz" –*
>
> *(a) meta jsir bi ksur ta' gewwa jew ta' barra, b'imfietah foloz, jew bi skalata;*
> *(b) meta l-halliel jizboh wiccu, jew jilbes maskra jew ghata ohra tal-wicc, jew jaghmel xi tibdil iehor, ilbies jew fis-sura, jew meta, sabiex jaghmel is-serq, jiehu t-titolu jew il-libsa ta' ufficcjal civili jew militari, jew jippretendi li ghandu ordni mahrug minn awtorità pubblika li jkun falz, ukoll jekk dawn il-mezzi qarrieqa ma jkunux fil-fatt swew biex jghinu s-serq, jew biex ma jikxfux il-halliel.*

Illi fl-atti tal-kawza rrizulta kif min dahal fil-fond biex iwettaq is-serqa ghamel dan "bi skalata".

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm inghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-mezz fl-imputazzjoni jirrizulta jekk l-imputati jinstabu hatja tal-ewwel (1) imputazzjoni.

**Serq ikkwalifikat bil-lok:**

Dwar l-aggravju tal-lok il-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-Ligi u cioe' l-Artikolu 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*"Huwa kkwalifikat bil-lok is-serq li jsir – f'dar ta' abitazzjoni jew f'parti li taghmel maghha."*

Illi, tenut kont ta' dak li ghadu kemm nghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, jirrizulta li l-aggravju tal-lok fl-imputazzjoni jirrizulta ghaliex Leif Bertil Ahlstroem u Ann-Marie Ingrid Spaak kienu juzaw l-appartament fil-Kumpless Turistiku Kempinski f'San Lawrenz bhala d-dar ta' abitazzjoni taghhom.

**Serq ikkwalifikat bil-persuna**

Dwar l-aggravju tal-persuna l-Qorti taghmel referenza ghal dak li tiddisponi l-ligi u cioe' l-Artikolu 268 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi s-segwenti:-

*Is-serq huwa kkwalifikat bil-"persuna" -*

*(a) meta jsir, f'kull lok li jkun, mis-seftur bi ħsara tas-sid, jew bi ħsara ta' barrani, jekk biex jagħmel is-serq tkun swietlu ta' għajnuna l-kwalità vera jew falza ta' seftur;*
*(b) meta jsir mill-mistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, fid-dar fejn ikun milqugħ bħala mistieden, jew, taħt l-istess ċirkostanzi, minn min jistieden jew minn xi ħadd tal-familja tiegħu, bi ħsara tal-mistieden jew ta' xi ħadd tal-familja tiegħu;*
*(ċ) meta jsir minn lukandier, tvernar, driver ta' vettura, barklor jew minn wieħed li jagħmel flokhom, jew minn sefturi jew impjegati oħra tagħhom, fil-lukanda, tverna, vettura, jew dgħajsa, fejn dan il-lukandier, tvernar, driver jew barklor ikun jaħdem jew iqabbad lil min jaħdem is-snajja hawn fuq imsemmija inkella jagħmel jew iqabbad lil min jagħmel xi wieħed minn dawk ix-xogħlijiet; u wkoll meta jsir f'dawn l-istess postijiet, minn min*

*ikun ħa alloġġ jew post, jew minn min ikun fada ħwejġu hemmhekk;*
*(d) meta jsir minn apprendist, kumpann fix-xogħol, ħaddiem, professur, artista, suldat, baħri jew impjegat ieħor, fid-dar, fil-ħanut, fl-uffiċċju, fil-kwartier, fuq ilbastiment, jew f'post ieħor li fih ikun daħal minħabba s-sengħa, professjoni jew impieg tiegħu.*

Tenut kont ta' dak li ghadu kemm nghad hawn fuq maghdud mal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, l-aggravju tal-persuna fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Anthony Fenech jekk tinstab htija fil-konfront tieghu jirrizulta ghaliex kien jippresta servizzi fil-Kumpless Turistiku Kempinski f'San Lawrenz.

**Ikkunsidrat:**

Provi mressqa mill-Prosekuzzjoni kif diga' ntqal aktar 'l fuq fil-preliminari, jistghu jkunu diretti jew indiretti ossia indizzjarji. M'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li provi indizzjarji wahedhom ukoll jistghu jkunu sufficjenti biex tinstab htija ghaliex hafna drabi fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma aktar importanti mill-provi diretti. Izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci[10].

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali, in tema ta' provi indizzjarji rriaffermat diversi drabi l-principju li *circumstantial evidence is often the best. It is evidence of surrounding circumstances which by the undersigned coincidences is capable of proving a proposition with the accuracy of mathematics*[11].

Illi f'dan ir-rigward pero' huwa importanti wkoll dak li precizat l-istess Qorti tal-Appell li qalet *It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other coexisting circumstances which would weaken or destroy the inference*[12].

---

[10] **Pulizija vs Emanuel Seisun** Appell Kriminali deciz 09.08.1998.
[11] **R vs Taylor** 21 CRIM App R 21
[12] **Pulizija vs Dawood Sayed Dawood Abd el Kaader** deciza 09/06/1998 b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kawza fl-ismijiet '**Teper v The Queen**' [1952]AC 480, 489

Illi aktar minn hekk huwa ben stabbilit ukoll li biex provi indizzjarji iwasslu ghar-reat iridu jkunu univoci, cioe` mhux ambigwi; iridu jkunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat u lil hadd aktar mar-reat[13].

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra jekk id-Difiza tagħzel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa bizzejjed għad-Difiza li tikkonvinci lill-Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat/jew imputati.

Dawn huwa principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħgbuna jew ma jogħgbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuzi li jkunu gew magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputati u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni.

<u>**Prezunzjoni tal-innocenza**</u>

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-onus ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal perezempju d-difiza tal-insanita'.

Huwa principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi is-segwenti:

[13] **Pulizija vs Joseph Lee Borg** Appell Kriminali deciza 15.06.1998

"*every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty...*"

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn Sir Augustus Bartolo fl-ismijiet **'Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mil-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:

"*illi skont il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak tal-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.'* "

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament prezunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputati, l-onus generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzati irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk l-Qorti hija obbligata li tillibera.

Illi dan stabbilit, u tenut kont li fl-atti processwali ma tezisti l-ebda prova diretta li torbot lill-imputat mar-reat in ezami fl-ewwel (1) imputazzjoni, il-Qorti trid tevalwa l-provi prodotti biex tara jekk dawn iwasslux ghall-konkluzzjoni univoka li kienu l-imputati u

hadd aktar minnhom li kkommettew r-reat in ezami li bih jinsabu mixlija fl-ewwel (1) imputazzjoni.

Il-Qorti ma thossx li tista' ssib lill-imputati hatja ta' din l-imputazzjoni, hemm dak il-*lurking doubt* dwar il-htija taghhom. Il-provi prodotti ma jwasslux lil din il-Qorti li tista' tikkonkludi lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati f'dan il-kaz wettqu s-serqa.

**<u>It-Tieni (2) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:

Illi dan kollu jgibna sabiex il-Qorti tiddiskuti r-reat ta' ricettazzjoni kif dispost fl-Artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dwar dak li l-Prosekuzzjoni trid tipprova f'dan ir-rigward.

Illi fil-ktieb tieghu **"Recent Criminal Cases Annotated"**, l-Imhallef William Harding jirreferi ghall-kaz **Il-Pulizija vs. Joseph Bugelli et** deciz fl-24 ta' Jannar 1942 fejn jghid illi fil-kaz ta' ricettazzjoni dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw:

> *"(1) the offence consists in an act subsequent to the main offence (theft, fraud, etc.), even though ancillary thereto, and constitutes an offence per se, and not a form of complicity;*
>
> *(2) three conditions are essential, i.e. (a) that previously, there has been the commission of an offence against property, (b) that the accused has received, or purchases, or, in any manner, taken part in the selling of the stolen property, and (c) that the accused be aware of the unlawful origin of the goods;*
>
> *(3) Anyone who by his own act, of whatsoever nature, facilitates the disposal of the goods, contravenes the section."*

Illi jirrizulta minn ezami tar-reat in dezamina li l-elementi tar-ricettazzjoni huma:

i. li qabel ikun sar id-delitt kontra l-proprjeta';

ii. li l-persuna akkuzata bhala ricettanti tkun irceviet jew xtrat l-oggetti provenjenti minn dak id-delitt jew b'xi mod indahlet biex tezita' jew tbiegh dawk l-oggetti;

iii. li dik il-persuna tkun taf bil-provenjenza llegittima ta' dawk l-oggetti.

Illi l-Qorti mhux ser telabora fuq l-ewwel zewg elementi ghaliex dawn jittrattaw fuq kwistjoni ta' fatt u ghalhekk f'kaz li jirrizulta b'mod fattwali mhux ser ikun hemm kontestazzjoni. Jista' jkun hemm divergenzi dwar l-interpretazzjoni tal-kelma xjenza. Il-Qorti ghalhekk ser taghmel analizi tat-tifsira tal-kelma xjenza.

Skont il-Manzini huwa jispjega li:

> "*per l'imputabilita' del delitto di accettazione richiedesi in ogni caso il dolo. Questo dolo consiste nella voluntarieta' del fatto in se' cioe dell'acquisto, ricezione, accultamento o introcomissione e nella scienza che si tratta di cose provenienti da delitto. Non basta il semplice dubbio, ancorche esso evidentemente equivalga alla scienza della provenienza delittuoso delle cose.*"

Smith & Hogan f'pagna 61 tal-ktieb **Criminal Law** (Edit. 1965) jiktbu:

> "*knowingly for this purpose includes the state of mind of the man who suspects the truth, but deliberately avoids finding out, shutting his eyes to an obvious means of knowledge or deliberately refraining from making enquiries the results of which he might not care to have.*"

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Carmelo sive Charles Zammit** deciza mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it- 28 ta' April, 2000 fejn il-Qorti irriteniet li:-

> "*Dwar l-element tal-provenjenza llegali u tax-xjenter fid-delitt ta' ricetazzjoni, dawn jistghu jirrizultaw mhux biss minn provi diretti, izda anke minn provi indiretti. Bhalma dejjem gie ritenut, l-element tax-xjenter jezisti anke f'dawk il-kazijiet meta l-oggett li jkun gej minn provenjenza llegali jigi akkwistat minn xi hadd f'cirkostanzi li minhabba n-natura taghhom dubjuza,*

*ragjonevolment jaghtu suspett dwar il-provenjenza llegali ta' dak l-oggett, cirkostanzi bhal perezempju, prezz irrizorju, in-natura jew deskrizzjoni tal-istess oggett akkwistat taht dawn ic-cirkostanzi, il-mod ta' kif jinbiegh jew jigi akkwistat, il-fatt li l-bejjiegh ma jkunx xi persuna li normalment tinnegozja f'oggett simili, u cirkostanzi ohra li l-uzu tal-buon sens u ragunar juru li dak l-oggett gej minn xi attivita' kriminuza..... l-appellant veru ma kienx jaf b'mod dirett li dak kien oggett misruq, pero' mic-cirkostanzi ferm dubjuzi u suspettuzi hu kien messu ragjonevolment induna li dak is-senter kien effettivament gej minn xi provenjenza llegali, u mhux necessarjament minn serq biss.*

*Ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li l-provi li ressqet il-Prosekuzzjoni dwar din l-akkuza tad-delitt ta' ricettazzjoni juru, sal-grad mitlub mil-ligi tac-certezza morali, li l-elementi kollha rikjesti biex jezisti dan id-delitt f'dan il-kaz jirrikorru kollha."*

Dwar l-element ta' xjenza ssir referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Tancred Borg** deciza mill-istess Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Ottubru, 1988 fejn inghad:-

*"Li wiehed ikollu suspett ta' xi rregolarita' jew addirittura taghrif dwar l-istess provenjenza, kif certament kellu l-appellat Borg, u intenzjonalment jieqaf milli jindaga ulterjorment, hija prova konklussiva dwar dan l-element intenzjonali (ara App. Kriminali 24/06/1961 Il-**Pulizija vs George Tabone** deciz fl-24 ta' Gunju, 1961, u Il-**Pulizija vs Vincent Calleja** deciz fit-30 ta' Novembru, 1978)."*

Illi l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet fejn ittrattaw fuq il-kuncett tax-xjenza in materja ta' ricettazzjoni u s-sustanza moghtija fil-kawzi li ser jissemmew huma l-principali fuq dan:

1. Il-Pulizija v Bugelli (vol XXXI pg. 468)
2. Il-Pulizija v Simiana (vol XXXIII pg. 966)
3. Il-Pulizija v Muscat (vol XXV pg. 706)
4. Il-Pulizija v Degiorgio (vol XXXVII pg. 1059)
5. Il-Pulizija v Fenech (vol XXIX pg. 694)
6. Il-Pulizija v Calleja (deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tletin ta' Novembru, 1978)

Illi jkun opportun li ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. George Schembri** deciza fit-30 ta' April 1992, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"min jakkwista oggett f'cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dan l-oggett kellu provenjenza llegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, huwa hati ta' ricettazzjoni. (Collez. Vol. XLV.IV.1032). Fil-kaz prezenti rrizulta illi l-appellat kien ircieva fil-garaxx tieghu xorb ikkonsenjat lilu ghal hamsa u nofs ta' filghodu minghand bniedem illi l-appellat innifsu ddikjara li kien jafu bhala kriminal. L-appellat dana ghamlu bhalma ghamel verifiki jew xi domanda rigwardanti l-provenjenza ta' dak ix-xorb. F'dawn ic-cirkostanzi jidher ovvju illi l-appellat kellu aktar minn suspett dwar il-kriminozità tal-provenjenza".*

Illi minn ezami ta' dawn is-sentenzi u ta' ohrajn johorgu dawn il-principji kwantu jirrigwarda l-element tax-xjenza[14]:

- Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-akkuzati fil-mument tar-ricettazzjoni kienu jafu li l-oggetti kienu gejjin jew minn serq jew b'qerq jew minn xi reat iehor;

- Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali;

- Dan l-element jista' jirrizulta mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari;

- Is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenza legittima jew le tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa' ghandu, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ghax f'certi kazijiet jista' ikun prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat, imma wahdu biss ma huwa qatt bizzejjed;

---

[14] **Pulizija vs Alfred Brown** (Numru. 1070/2013) deciza mill-Magistrat Consuelo Scerri Herrera fil-25 ta' Awwissu, 2014

- Minn jixtri minghand persuni suspettati jew jindahal fit-traffiku ta' oggetti li jkunu ghand persuni suspettati, jaghmel dan a riskju tieghu. Meta l-persuna li tircievi oggett ikollha suspett, anzi tkun tahseb li l-persuna li tatha dak l-oggett, kienet giet fil-pussess tieghu llegittimament u intant tilqa' dak l-oggett minghajr ma taghmel xejn biex taccerta ruhha li kien legittimu, u mhux kif kienet tahseb hi, allura, hemm l-element tax-xjenzja rikjest ghall-interpretazzjoni ta' dan ir-reat;

- Jigi ccarat li l-ligi ma tissodisfax ruhha biss bil-prova tal-ammissjoni ta' diligenza tal-*boun padre di familia* da parti tar-ricettatur, izda tirrikjedi li tali negligenza tkun fi grad tali li tammonta ghal *criminal negligence*;

- Veru li s-semplici suspett m'ghandux jigi ekwiparat mad-dolo imma hu veru wkoll li l-ligi taghna ma tirrikjedix xi formula specjali ta' kif ghandha tigi ppruvata x-xjenza jew li l-akkuzat irid jigi ppruvat li ngibitlux xi prova partikolari tal-provenjenza delitturuza minn min ikun bieghlu. Dan ghaliex altrimenti tista' tghid li fl-ebda kaz ta' ricettazzjoni ma tingieb il-prova adegwata. Dak li minn kaz ghall-iehor il-Qrati taghna sostnew u esigew li hu necessarju li jigi ppruvat mill-akkuza hu li fil-mument tal-akkwist min ikun xtara kellu x-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza delitturuza tal-oggett liema element intenzjonali jista' jigi dezunt mic-cirkostanzi li fihom ikun sar l-akkwist;

- Dan kollu mbaghad qed jinghad ghaliex ir-reat tar-ricettazzjoni hu wiehed doluz u mhux kolpuz u essenzjalment jikkonsisti fix-xjenza certa u pozittiva tal-provenjenza llegittima tal-oggett involut. B'dan il-mod in-nuqqas, li wiehed minhabba leggerezza jew negligenza li jindaga dwar il-provenjenza tal-oggett, ma jissodisfax l-element morali tar- ricettazzjoni.

Illi fl-istqarrijiet li taw l-imputati fl-istadju tal-investigazzjoni, liema stqarrijiet d-difiza qieghda tghid li ma jikkontistwixxix prova la kontra u lanqas favur taghhom, l-imputati taw verzjonijiet differenti dwar kif huma kienu involuti f'dan ir-reat.

Illi l-provi jippuntaw lejn realta' wahda li oggetti li nsterqu mill-appartament tal-kwerelanti spiccaw ghand l-imputati. It-tnejn li huma ghalhekk rcevew oggetti misruqa. Filwaqt li l-Qorti ghandha dubju dwar min kien involut fis-serqa propja, il-Qorti hi konvinta li z-zewg imputati kellhom ghandhom oggetti li rrizultaw li kienu insterqu fl-10 ta' April 2013.

Fin-noti tad-difiza ma ssirx referenza ghal dak li xehdu zewg xhieda f'dan il-process, dik ta' John Grima[15] u dik tas-Surgent PS676 Edelon Spiteri[16].

Ix-xhud **John Grima** jirrakkonta kif kien avvicinat minn Rodney Joe Farrugia fejn ghaddielu flus Svedizi fejn dawn gew imsarrfa f'erba' mitt ewro (€400).

Ix-xhud **PS676 Edelon Spiteri** xehed li l-imputat Rodney Joe Farrugia hadhom f'Gebel l-Ahmar f'Ghajnsielem fejn hemmhekk kienu rkuprati brazzuletta tad-ditta "Hermes" u arlogg tad-ditta "Chanel", zewg oggetti li nsterqu mill-appartament bin-numru 594 fil-Kumpless Kempinski f'San Lawrenz.

L-*email* li l-imputat Anthony Fenech baghat lill-kwerelanti fis-26 ta' April 2013 (a fol. 161) fejn skuza ruhu ghall-akkadut:

> *Dear Leif,*
>
> *I do not have the words to say how sorry I am. I have lost my job and destroyed my life and the people who love me.*
>
> *Thank you Leif for the trust you had put in me, you are a good man.*
>
> *And because I was going through some problems I stopped thinking, of how I could have hurt you, Anne Marie, myself and my family.*
>
> *I would I could go back and rewind all this but I acnt.*

---

[15] A fol. 210 xhieda moghtija fit-18 ta' Marzu 2014
[16] A fol. 68 xhieda moghtija fis-26 ta' Gunju 2013

*I am so sorry.*

Leif Bertil Ahlstroem xehed[17] dwar il-kontenut ta' din l-*email*.

Illi fil-fehma tal-Qorti dan ir-reat jissusisti u l-imputati se jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-piena</u>**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *Il-piena m'ghandhiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[18]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

---

[17] Seduta 13 ta' Novembru 2013 a fol. 170-173

[18] Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' tittratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita' tippronunzja ruhha l-Qorti tal-Appell Kriminali. Fis-sentenza moghtija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[19] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li Qorti trid tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mil-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe` biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal perijodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet stadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi*

[19] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*sospiza u, jekk ikun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-perjodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

Il-Probation Officer **Joseph Mizzi**[20] spjega fis-Social Enquiry Report li Anthony Fenech:

*"Fid-dawl tal-informazzjoni migbura jidher li Anthony Fenech huwa persuna ottimist, biezel u jhobb il-familja. Jidher li ghandu s-sapport tas-siehba u tal-familja tieghu. Huwa jistqarr li jixtieq jiddedika izjed hin ghal uliedu u ghall-familja.*

*Huwa jemmen li jkun ta' beneficcju ghalih li jimxi gurnata b'gurnata u jaqsam il-hsibijiet li jkollu ma' dawk l-izjed qrib tieghu. Anthony ghandu jaghti attenzjoni partikolari ghall-konsegwenzi tal-azzjonijiet tieghu u jerfa' r-responsabbilita' ta' ghemilu. Ghalhekk, huwa ghandu jahseb sew qabel jiehu xi decizjonijiet, partikolarment sabiex jippjana b'ghaqal il-progetti tax-xoghol li ghandu f'mohhu. Anthony ghandu jiehu vantagg mill-karatteristici pozittivi li jhaddan, il-kontroll tieghu nnifsu u r-rabta li ghandu mal-familja sabiex jibqa' miexi fit-triq it-tajba u ma jkollux ghalfejn jirrikorri ghall-kumpanija jew azzjonijiet ohra. F'dan l-istadju huwa ghandu jkun ta' ezempju tajjeb bhala rwol ta' missier u jkun afdat fix-xoghol. Fid-dawl ta' dan kollu, Anthony ghandu jkun sigur minnu nnifsu, jara li xi zbalji tal-passat ma jkunux ripetuti u jiehu pariri professjonali f'kaz ta' bzonn."*

L-istess Probation Officer **Joseph Mizzi**[21] spjega fis-Social Enquiry Report li Rodney Joe Farrugia:

[20] Datat 10 ta' Marzu 2016 mitlub minn din il-Qorti fit-8 ta' Ottubru 2015
[21] Ibid.

*"Fid-dawl ta' din l-informazzjoni migbura jidher li Rodney Farrugia ghadda minn fazi tal-hajja tieghu li ddeterminat l-andament tal-hajja tieghu. Jidher li Rodney trabba f'ambjent dixxiplinat, izda dejjem kellu dak li ried. Il-kumplikazzjoni f'sahhtu xi ftit jew wisq setghet ikkundizjonat l-mod ta' hsieb tieghu. Iz-zmien taz-zoghzija huwa perjodu krucjali u f'dan il-perjodu Rodney zvija mid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, gharaf dan l-izball u rega' qabad it-triq tas-sewwa. Huwa ghandu s-sapport tal-familja u dik ukoll tas-siehba tieghu.*

*Rodney jehtieg li jikkoncentra izjed fuq il-konsegwenzi tal-azzjonijiet li jiehu u jaqsam il-hsibijiet li jkollu ma' dawk l-izjed qrib tieghu sabiex ma jergax jizbalja. Il-perjodu ribelluz li ghadda minnu ghandu jimmaturah u jfakkru fir-responsabbilta' li ghandu jerfa' ghal dak li jaghmel. Rodney ghandu jiffoka fuq il-pjan tal-hajja tieghu (xoghol u relazzjonijiet) sabiex isewwi l-izbalji, ikun afdat, jaghlaq il-kapitlu tal-passat u jhares lejn il-futur b'impenn.*

*Ghaldaqstant, huwa ghandu jitghallem jaghzel it-tajjeb mill-hazin, jitghallem jikkontrolla lilu nnifsu u jitghallem ma jaqax ghat-tentazzjonijiet ta' kumpanija li tista' terga' tizvijah mit-triq li qabad. Fid-dawl ta' dan kollu, Rodney ghandu jinduna li m'ghandux ghalfejn imiss sustanzi lleciti, izda jiehu pariri professjonali f'kaz ta' bzonn sabiex jacerta l-izbalji tal-passat ma jkunux ripetuti."*

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti fid-decizjoni taghha ser titratta mal-imputati skont dak li jipprovdi l-**Att tal-Probation** (Kap 446).

**Il-Qorti mhix hawn biex tissodisfa l-ghajta ta' dawk li ghal kull reat li jsir f'pajjizna johorgu b'hangra jghajtu "salbu, salbu". Kieku l-Qrati taghna jcedu ghal xi forma ta' pressjoni nkluz tal-pubbliku jkunu qeghdin jaghmlu ingustizzja flok gustizzja. Kieku l-Qrati taghna jcedu ghall-pressjoni kieku fit-toroq taghna jkollna kwantita' kbira ta' Barabbas jigru mas-saqajn.**

**Illi l-opinjoni pubblika hija importanti hafna biex ikun hemm demokrazija shiha f'pajjiz. Izda f'pajjizna m'ghandniex Qrati tal-poplu pero' ghandna Qrati li dejjem kienu t-tarka tad-drittijiet ta' dawk kollha li ressqu quddiemhom sabiex titwettaq gustizzja.**

**Illi tajjeb li Gudikant meta jkun qieghed jiddeciedi jiehu kont tal-impatt tar-reat fuq is-socjeta' u tar-reazzjoni tas-socjeta' ghal dak it-tip ta' reat, izda l-Gudikant mhux qieghed hemm biex jissodisfa l-ghajta ta' dawk li, ma' kull sentenza, tarahom jiktbu fil-gazzetti jew f'xi *blog* fuq l-*internet* sabiex jikkritikaw kollox u bl-addocc ghax minghalihom li saru issa esperti anke fil-ligi u fil-mod kif is-sentenzi ghandhom jigu decizi.**

**Il-Qorti filwaqt li tibbaza d-decizjonijiet taghha fuq dak li tipprovdi l-ligi, u tara li timxi mal-parametri dwar il-pieni li tipprovdi l-ligi, tara li tuza wkoll l-ghodod kollha li jipprovdilha l-legislatur biex persuna kemm jista' jkun tinghata direzzjoni f'hajjitha u tirritorna lura hielsa minn kull madmad fis-socjeta'.**

Il-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fis-sentenza **Pulizija v. Maurice Agius** jikkwota lil Lord Justice Lawton fil-kawza **R v. Sargeant**[22] dwar dan:

> *"Society, through the courts, must show its abhorrence of particular types of crime, and the only way in which the courts can show this is by the sentences they pass. The courts do not have to reflect public opinion. On the other hand they must disregard it.* ***Perhaps the main duty of the court is to lead public opinion*** (enfasi ta' din il-Qorti).

Il-Qorti thoss li f'dan il-kaz barra dak li tipprovdi l-ligi fejn tidhol piena, hemm bzonn ta' gustizzja ta' rikonciljazzjoni.

[22] R v. Sargeant (1974) 60 Cr. App. R. 74

Dwar dan tkellem tant tajjeb Papa Frangisku meta kien qieghed jindirizza lill-partecipanti tal-**Konvenju Nazzjonali tal-Kappillani tal-Habsijiet Taljani** nhar l-Erbgha 23 ta' Ottubru 2013:

> "*Dan l-aħħar tkellimtu dwar ġustizzja ta' rikonċiljazzjoni, imma anki dwar ġustizzja ta' tama, ta' bibien miftuħa, ta' orizzonti. Din mhix utopija, nistgħu naslu għaliha. Mhix faċli, għax id-dgħufijiet tagħna qegħdin kullimkien, it-tentazzjonijiet qegħdin kullimkien, imma dejjem għandna nippruvaw.*"

Din il-Qorti tipprova li meta taghmel gustizzja kif hu mistenni minnha, ma tikkawzax aktar gerhiet, kif stqarr l-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech fil-25 ta' Novembru 2015:

> *Għalkemm il-ġustizzja hija kejl meħtieġ għas-soċjetà, l-esperjenza tixhdilna li bil-ġustizzja biss ma rnexxilniex inġibu l-ordni u l-paċi. Għalkemm għandna l-Qrati bħala strutturi li jiggarantixxu l-ġustizzja, mhux biss ħafna feriti jibqgħu ma jagħlqux, imma xi drabi l-istess strutturi jikkawżaw ġerħat oħra.*

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika Marie-Louise Coleiro Preca fil-11 ta' Lulju 2014 waqt il-gradwazzjoni tal-Caritas:

> *"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna ....*

L-Isqof ta' Ghawdex Mario Grech waqt il-Gradwazzjoni tal-Istudenti tal-Ħames Sena tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesù nhar it-Tlieta 14 ta' Ġunju 2016 qal:

> *Iċ-ċiviltà tagħna temmen ħafna bil-liġijiet. Kollox huwa ddettat mil-liġi. Għall-kotra, li tkun ġust ifisser li timxi skont il-liġi, u l-kunċett ta' ġustizzja huwa wieħed legali. Meta naħsbu li tkun saret inġustizzja, nirrikorru għand il-Qrati, fejn suppost hemm l-*

*amministrazzjoni tal-ġustizzja. Għalhekk, jekk wieħed ikollu ħtija, ikollu jħallas. Imma l-esperjenza tgħallimna li mhux kull meta kienet applikata l-ittra tal-liġi tkun saret ġustizzja. Ħafna drabi ninsew li the law can be an ass u l-applikazzjoni tagħha tikkawża inġustizzja flok ġustizzja. Ċiċerun kien jgħid li "summum ius, summa injuria" – fis-sens li meta jkun hemm applikazzjoni riġida tal-liġi, taf issir inġustizzja.*

Papa Frangisku tkellem dwar il-hniena u l-gustizzja waqt l-Udjenza Generali nhar l-Erbgha 3 ta' Frar 2016:

"*Kif nirrikonċiljaw ir-realtà tal-ħniena mal-esiġenzi tal-ġustizzja? Jafu jidhru bħala żewġ realtajiet li jikkuntradixxu lil xulxin; fir-realtà mhuwiex hekk.*
*[...]*
*Hekk biss il-ġustizzja tista' tittrijonfa ... jekk il-ħati jagħraf il-ħażen li jkun għamel u jieqaf jagħmlu, araw kif il-ħażen m'għadux hemm iżjed, u dak li kien inġust isir ġust, għax ġie maħfur u megħjun jerġa' jsib it-triq tat-tajjeb. U hawn sewwa sew tidħol fil-biċċa l-maħfra, il-ħniena.*"

L-imputati hekk ghamlu. Ilum jinsabu fit-triq t-tajba b'relazzjoni stabbli, jahdmu u bdew ikunu integrati lura fis-socjeta'.

**DECIDE**

Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq, il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tikkonsidra piena alternattiva ghal dik ta' prigunerija, li l-imputati Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia jigu kkundannati jaghmlu xoghol komunitarju flimkien ma' ordni ta' probation fil-konfront taghhom, liema piena tkun aktar gusta u ekwa minn dik ta' prigunerija u dana sabiex l-imputati jkomplu jinghataw direzzjoni f'hajjithom. L-ghan tal-Qorti huwa dak li apparti li tara li l-imputati jigu kkundannati ghal dak li wettqu, tara wkoll li haga simili l-imputati jaghrfu li ma jergghux iwettquha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 9 ta' April 2012 b'mod partikolari Artikoli 17, 18, 23, 31, 261(b),(c),(f), 263, 264, 267, 270, 278(3), 279(a)(b), 280(1), 49, 50, 289, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputati Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia mhux hatja tal-ewwel imputazzjoni (1) u tilliberhom minnha u ssibhom hatja tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront taghhom u tordna li, ai termini tal-Arikolu 18 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputati jitqieghdu taht Ordni ta' Probation u Servizz taht is-sorveljanza ta' ufficcjal tal-probation ghal tliet (3) snin mil-lum u li jaqdu ordni ta' servizz fil-komunita` billi jaghmlu xoghol bla hlas fejn Anthony Fenech ghandu jaghmel mija u ghoxrin (120) siegha u filwaqt li Rodney Joe Farrugia ghandu jaghmel mija u hamsin (150) siegha (minhabba li kien adebitat ir-ricediva) f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mill-ufficcju tal-probation.

Din l-ordni qed isir wara li l-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltilhom x'inhuma l-konsegwenzi jekk huma ma' joqoghdux ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni u accertat ruhha li l-istess hatja accettaw li joqoghdu ghall-kundizzjonijiet ta' dan l-ordni.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputati Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma' dik l-ordni u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom instabu hatja b'din is- sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation

moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficcjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Anthony Fenech u Rodney Joe Farrugia.

Illi kwantu għal dak li jirrigwarda l-kommissjoni tar-reat matul il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza fil-kaz ta' Rodney Joe Farrugia, il-Qorti tqis li mill-provi prodotti u ai termini tal-Artikolu 28B(2) tal-Kodici Kriminali :

(a) stante n-natura tar-reat li għalih ġie misjub ħati (li huwa divers mit-tipologija tar-reat li ser jinstab ħati tiegħu f'din is-sentenza);
(b) kif ukoll tal-fatt li l-imputat jidher li qabad direzzjoni tajba f'ħajtu;

tiddeciedi li minflok li ggib fis-seħħ is-sentenza ta' sitt (6) xhur prigunerija sospizi għal tmintax (18)-il xahar skont is-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fis-7 ta' Frar 2012, din il-Qorti tordna li l-perijodu operattiv hemmhekk specifikat għandu jitqies li jkun jiskadi mhux aktar tard minn tmintax (18)-il xahar minn din is-sentenza tal-lum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-imputati sabiex sa zmien sitt (6) xhur mil-lum ihallsu bejniethom is-somma ta' hames mija u tmienja u erbghin ewro u tlettax-il centezmu (€ 548.13) liema somma tirraprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**